TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 196/15-F

John De Giorgio
Vs
V. Petroni Ltd.

Illum, 6 ta' April, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Ottubru, 2015, fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mija disgħa u disgħin Ewro (€899) rappreżentati prezz ta' sufan li wara ftit żmien beda jitqaxxar.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema', x-xhieda tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtara sufan fid-19 ta' Ġunju 2013, u għall-aħħar ta' Mejju 2015 dan is-sufan beda jitqaxxar. Minkejja li rreġistraw l-ilment s-sitwazzjoni baqgħat l-istess u ma kienx hemm ftehim.

It-Tribunal ra diversi ritratti tas-sufan u nnota li verament dan is-sufan qiegħed jiddeterjora.

L-intimat issottometta illi s-sufan kien maħmuġ u li jinstab f'post magħluq bl-umdita' ta' xitwa sħiħa. L-intimat offra skont fuq sufan ieħor.

It-Tribunal mir-ritratti kkonkluda li dan is-sufan ma kienx malandat daqs kemm qiegħed jipprova jallega l-intimat pero' kien qiegħed jiddeterjora b'pass mgħaġġel.

L-intimat issottometta ukoll li r-rikorrenti ma kienx qiegħed jieħu ħsieb il-ġilda tas-sufan għax kien qiegħed jiġi użat ħażin.

It-Tribunal jikkonkludi li s-sufan kien qiegħed jiddeterjora mhux tort tar-rikorrenti.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600) bl-ispejjes jiġu sopportati ugwalment. It-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba (li din it-talba hija preskritta) stante li l-ilment sar fil-ħin.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**